MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## LAURENCE QUINTANO

Seduta tat-28 ta' Lulju, 2010

Numru 214/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Priscilla Caruana)**

**vs**

**Leslie Galea**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra Leslie Galea ta' 43 sena, bin John u Emanuela nee Zammit, imwieled tal-Pieta' fid-19 ta' Jannar 1965 u joqgħod Numru 48 Trqi Ebona Żebbuġ, Malta detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 56865 (M)

Akkużat talli

(1) Fis-16 ta' Marzu, 2008 għall-ħabta tas-13.30 ġewwa l-fond Schmebri Flats, Triq San Ewardu, Birżebbuġa,

ikkaġuna feriti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' James Demanuele minn Birżebbuġa, skond ma ċċertifika t-tabib Dr Analise Gauci MD (numru tar-eġsitrazzjoni 3039) mill-Isptar Mater Dei;

(2) U iktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraw hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli a detriment ta' Jdmes Demanuele, liema hsara ma tiskorris il-116.47 Euro imma jkunu izjed minn 23.29 Euro

(3) Talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi seraq mobile phone ghad-detriment ta' James Demanuele minn B'Bugia;

(4) Ukoll talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi bi hsara ghal James Demanuele, ghamel vjolazzjoni ohra kontra l-propjeta' li dahal minghajr permess fir-residenza msemmija;

(5) U iktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, hebb ghal James Demanuele u dan sabiex jingurjah, idejjqu jew jaghmillu hsara;

(6) U iktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil James Demanuele ingurji jew theddid jew jekk kien provokat, ingurja b'mod li hareg barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

(7) U iktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi imbotta lil imsemmi James Demanuele u dan sabiex iweggghu jew jinsulentah;

(8) U iktar talli fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi, kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat u glied jew b'mod iehor.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertikat tat-twelid 568 tas-sena 1965, il-fedina penali tal-imputat (fol 5), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat sabiex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, l-istqarrija tal-imputat a fol 34, l-istqarrija ta' James Demanuele (fol 36), iċ-ċertifikat tat-tabib (fol 38), kwotazzjoni għat-tiswija ta' bieb (€117, l-invoice jew stima għall-ħġieġa (fol 40), l-okkorrenza (fol 41), iċ-ċertifikat tat-tabib kif ġuramentat (fol 92) u kpja tal-fedina penali ta' James Deanuele. (fol 129).

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Nhar is-16 ta' Marzu, 2008, il-Pulizija kienet irċeviet rapport minn għand James Demanuele fejn dan tal-aħħar irraporta li Leslie Galea kien għamel xi ħsara fil-bieb u daħal fir-residenza tiegħu. Wara nofs in-nhar Demanuele sofra xi ġrieħi li kienu kkaġunati minn Leslie Galea. It-tilwima kienet dwar tfajla li Leslie Galea ma riedx jara lil Demanuel magħha. Leslie Galea kien ta daqqa ta' sieq lill-bieb.

Wara nofs in-nhar Leslie Galea kein mar għand Demanuele biex isewwi l-bieb. Hawn Leslie Galea sema' lil Deamuele jitkellem fuq it-telfon mat-tfajla (li fuqha kien qed jitlewmu) u lil dan Demanuele jgħidilha kemm kien iħobbha.

Demanuele qal li kien ħebb għalih Galea u Galea qal li l-istorja kienet bil-maqlub.

Demanuele allega wkoll li Galea kien seraqlu l-mobile. Filfatt rah jitfa' l-mobile fil-but. Il-mobiel għadu ma nstabx.

Demanuele kien ammetta li hu u Amanda kienu jibagħtu messaġġi lil xulxin. Galea kien waddab siġġu lejn Demanuele li kien laqa' b'idu u għalhekk Demanuele kien weġġa'.

**Fil-kontro-eżami**, (fol 106), l-Ispettur qalet li fiż-żewġ ċirkostanzi kien hem theddid. Ma sarux rapport min-neis li setgħu semgħu xi arguemtni. (fol 107).

Fl-istqarrija l-imputat kien qal li huwa kien mar għand Demanuele, ta daqqa ta' sieq lill-bieb  ta' barra u kissru. Huwa kien offenda u kellem ħażin lil Deamanuele.  Wara nofs in-nhar mar biex jirranġalu l-bieb. Sema' lil Demanuele jistqarr imħabbtu lejn Amanda u jgħidilha li bilfors kellu jgħidlu lill-imputat għaliex dan tal-aħħar kien ra l-messaġġi.  Dak il-ħin ħebbew għal xulxin. Huwa imbotta lil Demanuele li ħabat daharu mal-vetrina bil-ħġieġ u tefgħu s-siġġijiet lil xulxin. Demanuele kien qabdu minn għonqu.

PS 853 Frankie Sciberras ikkonferma r-rapporti magħmula.  Huwa mar fuq il-post u ra l-panew imkisser.

PS 645 Jerry Attard xehed dwar ir-rapport li kien għamel Leslie Galea.  Leslie Galea qal li James Demanuele kien kissirlu l-bieb, waddablu siġġu u kissirlu affarijiet oħra.

**Xehed James Demanuele** (fol 56) li qal li l-imputat kien mar għandu filgħodu. L-imputat kien faqa' l-bieb tal-panew. L-imputat beda jidħgi u hedded lill-imputat li jekk jaqbadhom it-tnejn noqtolkom.   Imbagħad, fl-inċident ta' wara nofs in-nhar, beda jagħtih bil-ponn ġo wiċċu.  Qabad siġġu u beda jagħtih bih.  Kissirlu l-vetrina, għamel ħsara fil-bieb u fis-siġġu u kien hemm xi ħsara oħra. Il-mobile tiegħu kien Sagem u kien jiswa Lm40. La sab il-mobile u lanqas l-arloġġ tal-idejn li kien jiswa xi Lm30.  Huwa qal li lill-imputat rah jitfa' l-mobile ( black, bir-ritratti u bil-videos) fil-but. Filfatt huwa qal:

'Il-mobile hu ħaduli għax rajtu jiena stess. U  mija fil-mija ħadu biex jara l-messaġġi.' (fol 68).

Huwa kien riprodott u qal li kien ġab in-numru – 79806556 iżda s-sim card ma setax iġibha għaliex il-mobile kien ħadu l-imputat. L-imputat kien faqa’ l-bieb l-ewwel darba. Amanda kienet tibgħatlu l-messaġġi u hu kien jibgħathielha l-messaġġi lura. Huwa ċaħad li hu kien jibgħat messaġġi lil Amanda biex toħroġ miegħu. (fol 99). Huwa kien ċemplilha xi darbtejn. L-imputat qal li wara l-ewwel darba li kien mar James Demanuele, huwa kien ċempel lill-Pulizija. Huwa nnega li kien għolla siġġu.

**Fil-kontro-eżami (**fol 94 et) huwa qal li kienet Amanda li wissietu li kien ġej l-imputat u kkonferma li kien ra tifel biss. (fol 95).

Xehdet Dr Annalise Gauci (ara verbal a fol 92) fejn ippreżentat id-dok AG.

Xehdet ukoll Amanda Psaila Dodds. Hija qalet li l-inċident seħħ Birżebbuġa waqt li hi kienet ir-Rabat. Hija kienet talbet l-assistenza tal-Pulizija għaleix l-imputat kein qabadha tibgħat messaġġi lil James Demanuele. Hi la kieent mhedda minn xi ħadd u lanqas għamelt rapport lill-Pulizija (fol 75). James Demanuele kien ċemplilha biex jgħidilha li li Leslie Galea qiegħed il-ħabs waqt li hu (James Demanuele) kien l-isptar. Kienet ilha ma’ Leslie Galea ħames snin u għandha tifla minn għandu.

Tarcisio Caruana kkonferma l-istima tal-ħġieġa iżda qal li wara ma morrux joħduha. (fol 79).

Mark Schembri kkonferma l-istima dwar il-ħsara u kien ra l-ħsara fuq il-post.

**Xhieda Difiża (barra l-kontro-eżamijiet)**

**Xehed l-imputat** li qal li kien ħabib ta’ Demanuele li beda jibgħat messaġġi lil Amanda Psaila Dotts. Huwa kien mar għand James Demanuele u ta żewġ daqqiet ta’ sieq. Il-panew inqala’. Huwa mbotta lil James Demanuele u qallu biex jaqta’ l-kuntatt ma’ Amanda Dotts. James Demanuele kien jgħidilha biex tmur miegħu.

Wara nofs in-nhar huwa kien mar biex jgħidlu li ser jibgħat ‘il xi ħadd biex jirranġa l-panew. Huwa semgħu jgħid lil Amanda li kellu ‘jgħidlu’ u li ‘ma kienx tort tiegħu’. Huwa u ħiereġ it-tifla qalet lil missierha biex joqgħod attent. L-imputat kien ħataf is-siġġu l-ieħor u hu żelaq bis-siġġu b’kollox. L-imputat kien faqa’ l-vetrina u żelaq. Kien ser jagħġtih daqqa ta’ siġġu huwa u ħiereġ. James Demanuele kine żelaq, kein hemm biċċa vetrina żgħira, kissrilha ħġieġa u żelaq mal-art.

Xehed ukoll Jean Claude Galea li qal li James Demanuele kien beda jibgħat il-messaġġi lill-partner ta’ missieru. (fol 118). Huwa qal li filgħodu kien qallu biex ma jibgħatx messaġġi lil Amanda. Meta marru wara nofs in-nhar, huwa u ħiereġ missieru, James refa’ s-siġġu u hu avża lil missieru dwar dan.

Xehdet ukoll Marcon Galea li kkonfermat li kienet saret ħsara lill-bieb. Wara nofs in-nhar l-imputat reġa’ qal lil James Demanuele biex ma jċempilx lil Amanda għax din trid tieħu ħsieb it-tfal. James Demanuele qabda siġġu biex iwaddbu lejn missierha u hi avażat lil missierha. Missierha qabad is-siġġu u ħabbtuhom ma’ xulxin. James resaq lura u faqa’ l-vetrina bis-siġġu tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

L-ewwelnett dwar in-natura tal-offiżi. It-tabiba keient telgħet tixhed u ppreżentat l-istess dokument li jidher a fol 38. Dan kien ippreżentat bil-ġurament, kif jidher mill-verbal stess. Ukoll jekk ix-xhieda tat-tabiba ma kenitx reġistrata, hekk reġistrat fil-proċess l-aktar ħaġa importanti – iċ-ċertifikat kkonfermat seduta stante. Prattikament dak li soltu jaġġmlu t-tobba meta jixhdu – jew itellgħu ċ-ċertifikat magħhaom u jikkonfermawh jew jintwera ċ-ċertifikat li jkun hemm fl-atti u jgħidu f’erba’ kelmiet x’hemm fiċ-ċertifikat. Il-Qorti ma jidhrilheix li sar xi ħaġa aktar minn hekk.

Ġaladarba dan iċ-ċertifikat kien ikkonfermat, li trid tagħmel il-Qorti hu li tifli l-kontenut. Dan jiddeskrivi l-offiżi bħala

gravi fejn hemm limited range of movement to the wristt minħabba l-uġigħ.  Jirriżulta wkoll mill-xrays li juru li kien hemm xi fracture.  Kien hemm abrasion fuq il-forearm.

Ai termini tal-arftikolu 216(1)(b) il-fracture tammonta għall-mankament.

Dwar id-dinamika tal-inċident, James Demanuele jgħid li ma qabad ebda siġġu u li hu safa b'idejh miksura għax ipprova jilqa' b'idu.  Ma temminx li James Demanuele ma kienx qabad xi siġġu għaliex, fil-fhem tal-Qorti,  il-verżjoni li taw it-tfal tidher aktar attendibbli.

Għalhekk il-Qorti qed tiddeċiedi li kien l-imputat li kkaġuna l-ferita gravi fuq James Demanuele iżda dan sar bħala difiża legittima ai termini tal-artikolu 227(d) bil-proviso b'kollox.  Jidher li l-imputat ma kienx induna li Demanuele kien ser jattakkah u aġixxa meta nġibditlu l-attenzjoni mit-tfal.

Għalhekk il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ewwel imputazzjoni.

Iżda qed issibu ħati tat-tieni imputazzjoni għaliex huwa ammess mill-imputat stess
li kisser il-panewwa tal-bieb ta' barra tad-dar ta' James Demanuele.

Qed issibu ħati wkoll tas-serq (bla grvanti jew sempliċi) tal-mobile għaliex dan ħadu kontra r-rieda ta' James Demanuele u qatt am rritornah.  Il-Qorti ssib li l-Prosekuzzjoni ppruvat din l-imputazzjoni minħabba li fil-verżjoni li ta James Demanuele huwa qal li ra b'għajnejh lill-imputat jitfa' l-mobile fil-but.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tat-tielet imputazzjoni.

Qed issibu wkoll ħati tar-raba' imputazzjoni għaliex daħal fil-propjeta' ta' ħadd ieħor mingħajr permess.

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat mill-ħames imputazzjoni għall-istess raġunijiet mogħtija dwar l-ewwel imputazzjoni.

Il-Qorti qed tillibera lill-imputat ukoll mis-sitt u s-seba' imputazzjoni għall-istess raġunijiet mogħtija dwar l-ewwel imptuazzjoni.

Dwar l-aħħar imputazzjoni, m'hemm ebda prova li l-imputat ksier il-mistrieħ tan-nies u għalhekk il-Qorti qed tilliebra lill-imputat minn din l-imputazzjoni wkoll.

**Konklużjoni**

**Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 216(1)(b), 325(1)(ċ), 284, 285, 339(1)(o), 339(1)(d), 339(1)(e), 339(1)(l), 338(m) qed issib lill-imputat ħati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' imputazzjoni u qed tilliberah mill-ewwel, mill-ħames, mis-sitt, mis-seba' u mit-tmien imputazzjoni u dawr il-piena qed tipprovdi kif ġej: dwar it-tieni u t-tielet imptuazzjoni qed tilliebrah bil-kundizzjoni li ma jaħgmel ebda reat fi żmien tmintax-il xahar u dwar ir-raba' imputazzjoni qed tikkundannah amenda ta' €58.50.**

**Ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 446, l-imputat qed ikun ikundannat jagħti lura Lil James Demanuele l-mobile Sagem iswed jew l-ekwivalenti tiegħu li jammontaw għal €93.60 (Lm40) kif ukoll jagħti €117 li huwa l-ekwivalenti tal-ħsara fuq il-bieb.**

**Ai fini tal-artikolu 25 tal-Kap 446 dan hu ekwivalenti għal sentenza li tista' tiġi enforzata. Il-Qorti spjegat l-artikolu 22 tal-Kap 446 lill-imputat fi kliem sempliċi.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------